MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

# ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2019

Rikors Numru 37/19 LM

**Olena Caruana Verbytska (ID: 2006902P)**

***vs.***

**Avukat Ġenerali u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2019 ġiet imsejħa fil-kawża *ex officio* Catherine Imperia Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu, 2019 mir-rikorrenti **Olena Caruana Verbytska** (ID: 2006902P) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li jgħid kif ġej:

> *Illi bis-saħħa ta' sentenza ta' separazzjoni personali mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-5 ta' Frar, 2015, li ġiet ikkonfermata fl-istadju tal-appell fl-24 ta' Ġunju, 2016, ir-rikorrenti ngħatat żmien ta' sena biex tibqa' tirrisjedi fl-*

*appartament Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, u f'għeluq is-sena tivvaka l-appartament sabiex dan jinbiegħ.*

*Illi omm żewġha, ċerta Catherine Imperia Caruana, dejjem riedet li dak li jippossjedi binha jsir tagħha.*

*Illi dawn is-sentenzi ngħataw fuq bażi ta' xiehda falza u soppressjoni ta' evidenza da parti ta' omm l-attur, jiġifieri ta' Catherine Imperia Caruana, li l-għan tagħha kien li jirnexxilha ġġib taħt il-kontroll tagħha l-appartament hawn fuq imsemmi, u dan minkejja li dan inxtara matul iż-żwieġ u għalhekk jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Illi Catherine Imperia Caruana nnegat li binha kien marid mentalment minn qabel ma żżewweġ lir-rikorrenti u addirittura ħbiet il-marda mentali li kienet taffetta lil binha Paul Caruana – marda mentali li kienet ukoll iġġegħlu jkun vjolenti versu r-rikorrenti. Kif gie ċċertifikat mill-Konsulent Psikjatra Dr David Cassar, Paul Caruana "suffers from a chronic and marked psychiatric disorder which over many years and previously without appropriate treatment, has been a cause of considerable challenges both to him and for his work place."*

*Illi barra minn hekk, il-Psikjatri xehdu illi: "This illness manifests itself in potential abnormal beliefs when one could develop what we could call overvalued ideas with reference or overvalued ideas, persecution or delusional thought or reference of persecution, and one also may develop hallucinations." Hemm ħafna iktar materjal mediku li ġie żvelat wara.*

*Illi b'riżultat tat-testment ta' Paul Caruana tas-6 ta' Novembru, 2012 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, ommu ġiet maħtura bħala eredi universali ta' ġidu. Is-sentenza fil-kawża ta' separazzjoni Numru 150/2010 RGM ngħatat fl-ewwel istanza fil-5 ta' Frar, 2015 u fl-appell fl-24 ta' Ġunju, 2016 (SC-TM-JA).*

*Illi fl-24 ta' Awwissu, 2015, kien miet Paul Caruana, ir-raġel tar-rikorrenti, u ommu Catherine Imperia Caruana kisbet il-kontroll ta' ġidu kollu, kif kienet dejjem ippruvat tagħmel anke permezz ta' xhieda falza u ħabi u soppressjoni ta' provi.*

*Illi dawn il-provi ampji issa jinsabu miġbura fil-kawża numru 1064/2016 LM li hija azzjoni ta' impunjazzjoni tat-testment tas-6 ta' Novembru, 2012, li fiha xehdu diversi Konsulenti Psikjatri, fosthom Dr David Cassar, Dr George Debono u oħrajn. Ir-rikorrenti qiegħda tikkontesta l-validità ta' dan l-aħħar testment għaliex issostni li ma kienx wieħed validu u skont il-liġi u għalhekk għandu japplika fil-konfront tal-eredità ta' żewġha t-testment li sar qablu, jiġifieri t-testment tal-10 ta' Novembru, 2010 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono.*

*Illi biżżejjed jingħad illi l-Qorti tal-Appell stess fil-kawża ta' annullament Numru 298/2007, deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009, ikkonstatat illi Paul Caruana kien ammetta fil-kontroeżami tiegħu illi d-deċiżjoni li ssir il-kawża biex jiġi annullat iż-żwieġ tiegħu ġiet meħuda mill-ġenituri tiegħu u ma kienx hu li ħadha:*

*"I didn't start the annulment proceedings myself, but it seems the only way, I don't know .... I didn't start the annulment proceedings myself; it was my parents who started the annulment proceedings and I had second thoughts because I don't think it will work out."*

*Illi l-istess Catherine Imperia Caruana talbet il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra r-rikorrenti sabiex titfagħha 'l barra minn dar li hija komproprjetarja tagħha, liema talba ġiet milqugħa u r-rikorrenti giet avżata mill-Marixxall tal-Qorti biex tivvaka fi żmien tmint ijiem min-notifika.*

*Illi minkejja li l-appelli interposti mir-rikorrenti ġew miċħuda seriatim – darba minnhom anki billi ġew anke trasposti r-regoli tal-proċedura ċivili (artikolu 229 tal-Kap. 12) għall-kawża kostituzzjonali li hija min-natura tagħha proċediment flessibbli u inqas riġidu, kif dejjem kien maħsub li jkun – ir-rikorrenti tistaqsi jekk, bir-rispett dovut, jagħmilx sens illi hija tiġi żġumbrata mid-dar tagħha li hija komproprjetarja tagħha u illi l-istess appartament jinbiegħ, meta għad hemm pendenti:*

1) *kawża ta' impunjazzjoni ta' testment ta' żewġha;*
2) *allegazzjoni ta' xiehda u provi foloz fil-kawża ċivili li fiha ġie deċiż l-iżgumbrament tagħha mid-dar li hija komproprjetarja tagħha; u*
3) *allegazzjoni ta' sopressjoni ta' provi ġenwini fl-istess kawża ċivili?*

*Illi bl-ikbar rispett, tant dan ma jagħmilx sens u huwa ta' preġudizzju irrimedjabbli għar-rikorrenti odjerna illi, fil-proċeduri kostituzzjonali li jġibu r-riferenza Rikors Kostituzzjonali Numru 97/2017 MH, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) kienet laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' miżura provviżorja. Iżda ġara li sussegwentement l-intimat Avukat Ġenerali talab ir-revoka 'contrario imperio' tal-provvediment dwar il-ħruġ ta' miżura provviżorja u dan ġie mħassar.*

*Illi dan seħħ għaliex fil-proċeduri Kostituzzjonali lokali, it-talbiet għall-ħruġ ta' miżuri provviżorji domestiċi qegħdin erronejament jiġu mxebbħa ma' interim measures taħt l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, li hija supranational court u mhux qorti nazzjonali. Konsegwentement qed isir xebħ, żbaljat, ma' każijiet ta' tortura, biżgħa ta' persekuzzjoni u każijiet ta'*

*estradizzjoni. Dan meta huwa obbligu tal-qrati nazzjonali li jipprevjenu u jwaqqfu milli ssir, x'aktarx issir jew tkompli ssir vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Illi l-artikolu 811 tal-Kap. 12 stess jippermetti s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ċivili kemm-il darba jirriżulta li l-eżitu nkiseb bil-produzzjoni ta' provi foloz. Dan ġara wkoll fil-kaz "**Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et**", fejn, proprju minħabba provi foloz, is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali ġew it-tnejn imħassrin.*

*Illi r-rikorrenti qiegħda teżamina l-possibilità li tippreżenta kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar xiehda falza mogħtija minn Catherine Imperia Caruana fil-kawża ċivili li fiha r-rikorrenti ġiet ikkundannata biex tiżgombra mill-appartament li tiegħu hija komproprjetarja, kif ukoll dwar soppressjoni ta' provi eżistenti.*

*Illi r-rikorrenti qiegħda tikkontesta l-jedd tal-Qorti fil-kawża ta' separazzjoni li tordna l-bejgħ tal-appartament kontra l-volontà tar-rikorrenti stante li r-rikorrenti ma tridx tbiegħ sehemha izda trid tkompli tabita fid-dar tagħha. Ir-rikorrenti tikkontendi illi dan jammonta għal vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi dak li qed jiġi tentat minn Catherine Imperia Caruana huwa li, b'riżultat ta' xiehda u provi foloz, ir-rikorrenti tiġi żgumbrata minn issa, mingħajr ma għandha post ieħor fejn tmur tgħix, mingħajr ma tiġi provduta b'akkomodazzjoni xierqa alternattiva, u dan bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha.*

*Illi r-rikorrenti ssostni li x-xiehda falza, il-provi foloz u s-soppressjoni ta' provi ġenwini eżistenti jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq.*

*Illi c-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea, li wkoll jipprovdi l-ħarsien mix-xorta ta' azzjonijiet meħuda kemm mill-Qorti kif ukoll mill-Awtorità tad-Djar bħala istituzzjoni pubblika, f'Malta mhux qed jigi utilizzat biżżejjed. ["The analysis below is based on 70 court decisions from 27 EU Member States; for Malta, no relevant court decision was reported." – meħud minn "EU Charter of Fundamental Rights and its use by Member States", paġna 38, pubblikat mill-Fundamental Rights Agency]. Għalhekk, ir-rikorrenti sejra tinvoka c-Charter of Fundamental Rights stante li l-azzjonijiet meħuda fir-rigward tagħha jistgħu jiġu indirizzati billi jiġu invokati diversi normi li jinsabu fl-istess Charter of Fundamental Rights. L-Artikolu 34 (3) taċ-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea jiggarantixxi d-dritt għal akkomodazzjoni soċjali.*

*Illi ċ-Charter of Fundamental Rights of the European Union huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara s-sentenza reċenti fl-ismijiet "**Cecil Herbert Jones vs. Avukat Generali**" tal-15 ta' Frar, 2019 (Rikors Kostituzzjonali Numru 95/2018 MH) fejn ġie ritenut:* (sic)

*Illi għalhekk, dak li hemm imdendel bħal xabla fuq għonq ir-rikorrenti u li tinsab minaċċjata bih bħalissa, jiġifieri, l-iżgumbrament tagħha mid-dar li tagħha hija komproprjetarja, u ċioé 'Regent Place', Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, u l-bejgħ tal-istess dar kontra r-rieda tagħha, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) li jiggarantixxi d-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, kif ukoll ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jiggarantixxi d-dritt għall-intimita tad-dar u jew proprjetà oħra, u inoltre, ksur tal-Artikolu 34 (3) taċ-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li titlob umilment il-ħruġ immedjat ta' miżura provvizorja sabiex ma jiġix esegwit il-mandat ta' żgumbrament maħruġ kontra r-rikorrenti fuq talba ta' Catherine Imperia Caruana kif ukoll il-bejgħ tal-appartament 'Regent Place', Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi hija sofriet u qiegħda issofri diversi vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tagħha:*

1) *sofriet u qiegħda ssofri diversi vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) li jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq, liema dritt huwa wkoll garantit ukoll taht it-Titolu 6 (Artikolu 47) tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea, u dan kemm fil-kawża ċivili kif ukoll fil-proċeduri tal-mandat ta' żgumbrament;*

2) *sofriet u qiegħda ssofri diversi vjolazzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi d-dritt għal ħajja privata u għal ħajja tal-familja u tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3) *sofriet u qiegħda ssofri vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni dwar id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti;*

4) *sofriet u qiegħda ssofri vjolazzjoni tas-subinċiż (3) tal-Artikolu 34 taċ-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea li jiggarantixxi d-dritt għal akkomodazzjoni soċjali, liema Charter għandu l-istess status legali daqs kull Trattat li rratifikat Malta u huwa inforzabbli direttament f'Malta;*

*u konsegwentement –*

1) *tordna t-tħassir tas-sentenzi mogħtija fil-5 ta' Frar, 2015 u 24 ta' Ġunju, 2016 fil-kawża ta' separazzjoni Numru 150/2010;*

2) *tordna t-tħassir tal-mandat ta' żgumbrament hawn fuq ċitat;*

3) *tordna t-tħassir tal-kundanna biex l-appartament li tiegħu hija kompro-prjetarja ma jinbiegħx kontra r-rieda tagħha;*

4) *tordna li s-sitwazzjoni tiġi ripristinata għall-istatus quo ante għal dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu, u dan b'rispett għall-prinċipju ta' 'restitutio in integrum';*

5) *tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat Ġenerali** li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Marzu, 2019, fejn ġie rilevat:

1. *Illi qabelxejn, billi bejn l-istess partijiet ġa hemm kawża kostituzzjonali oħra bin-numru ta' riferenza 97/2017MH, li hija fuq l-istess kwistjoni u b'talbiet li jixxiebħu, allura huwa xieraq li bit-tħaddim tal-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti tagħżel illi tibgħat din il-kawża biex tinstema' mill-Imħallef li qed jisma' wkoll il-kawża bin-numru ta' riferenza 97/2017;*

2. *Illi in limine litis jingħad ukoll li l-parti tal-ilment li jolqot l-artikoli 34 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa inammissibbli u null skont l-artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex dan l-ilment ma nġiebx b'rikors ġuramentat iżda nġieb b'rikors mhux maħluf;*

   *Tassew ma jidhirx li huwa ritwalment korrett li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem mibdija taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jiddaħħlu kwistjonijiet u talbiet li m'għandhom x'jaqsmu mal-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea. Dan jidher li huwa eskluż ukoll skont ir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni);*

3. *Illi dwar l-ilment mibni fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-esponent ikollu jistqarr li huwa ma fehemx eżatt mir-rikors kostituzzjonali, kif ir-rikorrenti*

*qiegħda tgħid li s-sentenzi mogħtija fil-kawża tagħha dwar il-firda personali li kellha kontra Paul Caruana, bin-numru ta' riferenza 150/2010, ittieħdu bi ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq;*

4. *Illi għalkemm ir-rikorrenti tallega fir-rikors tagħha li s-sentenzi dwar il-firda personali tagħha ngħataw, "fuq bażi ta' xiehda falza u soppressjoni ta' evidenza", hija mkien ma fissret kif tassew dawn is-sentenzi kienu milquta b'dan l-allegat qerq. Minn qari tar-rikors kostituzzjonali, l-esponent mhux jifhem kif il-qagħda mentali ta' Paul Caruana, kellha xi rilevanza fuq kif il-qrati ċivili ddeċidew il-kawża tal-firda personali;*

5. *Illi fuq kollox, jekk kif qed tallega r-rikorrenti dawn is-sentenzi nkisbu b'qerq jew fuq is-saħħa ta' provi foloz, allura l-ewwel rimedju tagħha kellu jkun ir-ritrattazzjoni tal-kawża dwar il-firda personali skont l-artikolu 811(a) u (j) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ir-rimedju kostituzzjonali, li huwa suppost l-aħħar rimedju li wieħed għandu jfittex biex iwaqqa' sentenzi tal-qorti;*

6. *Illi lil hinn minn dan, ir-rikorrenti ma tistax tinqeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali għas-sempliċi raġuni, li skont hi, il-Qrati Ċivili żbaljaw fis-sentenzi tagħhom. Huwa magħruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-ġurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssewwi "żbalji" tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali u mhux biex tistħarreġ jekk il-qrati ordinarji ddeċidewx b'mod tajjeb it-tilwima li kellhom quddiemhom;*

7. *Illi r-rikorrenti mkien ma fissret b'liema mod ġie mkasbar lilha l-jedd ta' smigħ xieraq. Kulma għamlet ir-rikorrenti huwa li kkontestat ir-raġunijiet li waslu għall-bejgħ tad-dar matrimonjali. Fil-fehma tal-esponent tali kontestazzjoni toħroġ 'il barra mill-iskrutinju kostituzzjonali;*

   *Multo magis mhux kull interpretazzjoni ħażina tal-fatti hija ksur ta' jedd fondamentali u mhux kull meta kawża tintilef minħabba interpretazzjoni jew apprezzament ħażina tal-fatti jagħti jedd illi l-meritu jkun eżaminat mill-ġdid fid-dawl tal-liġijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali. Kif spiss jingħad f'dawn l-okkażjonijiet, qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali/konvenzjonali m'għandhiex tiġi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilħaqq proċeduri kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat;*

8. *Illi hekk ukoll l-azzjoni kostituzzjonali m'għandhiex tintuża biex wara li jkunu ġew mitmuma l-proċeduri ċivili tinfetaħ opportunità ġdida biex dak li jkun iressaq provi ġodda jew differenti li huwa ma jkunx ressaq fil-proċeduri oriġinali;*

9. *Illi bla ħsara għal dan kollu, lanqas ma jirriżulta li l-mod ta' kif inqatgħu l-kawżi fil-firda personali sejrin jippreġudikaw il-kawża tagħha (Rik: 1064/2016) li hija fetħet għat-tħassir tat-testment ta' Paul Caruana. Il-kawża li fetħet biex jitħassar l-aħħar testment ta' Paul Caruana ma tiddependix fuq jekk ir-rikorrenti tibqax tgħix fl-appartament inkwistjoni, iżda tiddependi fuq jekk hija ġġibx provi biżżejjed tajba li juru li Paul Caruana tabilħaqq ma kienx kapaċi jagħmel dak it-testment;*

10. *Illi f'dan il-qafas l-esponenti jittama biss li l-kawża marbuta mat-tħassir tat-testment mhijiex qed tintuża bħala paraventu biex tipprova ddewwem l-okkupazzjoni illegali tagħha fl-appartament;*

11. *Illi lil hinn minn dan anke jekk jinbiegħ l-appartament ma jfissirx li l-kawża dwar it-tħassir tat-testment tiġi superfluwa. Dan għaliex jekk hija tirbaħ dik il-kawża u r-rikorrenti tiġi li kienet is-sid waħdieni tal-appartament, allura dan ikun ifisser li jkollha l-jedd li tiġbor ir-rikavat anke fuq in-nofs tas-sehem l-ieħor;*

*Għaldaqstant l-ilment tar-rikorrenti kif impost fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jitqies bħala mhux mistħoqq;*

12. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-ilment marbut mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jingħad li dan kien ikun ġustifikat li kieku r-rikorrenti kellha l-jedd bil-liġi li tgħix ġewwa l-appartament. Iżda ladarba l-qrati tagħna ddeċidew li r-rikorrenti m'għandiex aktar il-jedd li tgħix fl-appartament inkwistjoni, allura kollu għalxejn li hija tinvoka dan l-artikolu tal-Konvenzjoni. Huwa sintomatiku li persuna ma tistax titlob ħarsien tal-artikolu 8 fuq ġid li dik il-persuna ma jkollhiex dritt ta' abitazzjoni fuqu;*

13. *Illi barra dan, wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh li l-artikolu 8 mhuwiex jedd assolut iżda huwa soġġett għall-eċċezzjoni msemmija fl-artikolu 8(2) li jagħti d-dritt lill-Qorti bħala awtorità pubblika li tindaħal f'dak il-jedd sabiex tipproteġi d-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Mhijiex ir-rikorrenti biss li għandha drittijiet iżda anke l-intimata l-oħra Catherine Imperia Caruana;*

14. *Illi l-fatt li hemm kawża pendenti biex jitħassar l-aħħar testment ta' Paul Caruana huwa irrilevanti għaliex ir-realtà ġuridika attwali hija li r-rikorrenti*

*m'għandhiex jedd ta' abitazzjoni fuq l-appartament għaliex hija tilfet dan id-dritt fil-proċeduri ta' firda personali;*

*Barra minn dan, sallum ir-rikorrenti mhijiex l-uniku sid ta' dan l-appartament. L-allegazzjoni tar-rikorrenti li hi l-unika sid tal-appartament minħabba li l-aħħar testment ta' żewġha huwa null għadha ma ġietx pruvata. Għalhekk sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja f'dan is-sens, hija ma tistax tgħid li hija s-sid waħdieni tal-appartament;*

15. *Illi f'dan l-isfond, ma jiswiex l-argument l-ieħor tar-rikorrenti li hi m'għandhiex post fejn toqgħod jekk titkeċċa mid-dar. Wara kollox persuna li m'għandhiex jedd skont il-liġi biex tokkupa dar ma tistax tinqeda bl-artikolu 8 sabiex tilleġittima l-okkupazzjoni tagħha. Għalhekk anke dan l-ilment kif mibni fuq l-artikolu 8 mhuwiex ġustifikat;*

16. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, dan huwa għalkollox improponibbli għaliex skont l-artikolu 38(2)(d) tal-Kostituzzjoni, dan l-artikolu ma jistax jitqanqal f'każ li d-dħul f'xi post isir għall-fini ta' eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' qorti, bħalma għandna f'dan il-każ;*

17. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, dan ukoll ma jistax jintlaqa' minħabba li sallum ħadd ma ħa s-sehem ta' nofs indiviż li r-rikorrenti għandha fl-appartament inkwistjoni;*

18. *Illi f'dan il-kuntest ir-rikorrenti ma tistax tgħid li hija s-sid tan-nofs indiviż l-ieħor minħabba li sallum hijiex mhijiex meqjusa bil-liġi li hija l-werrieta ta' Paul Caruana. Għalhekk sakemm m'hemmx sentenza finali tal-qrati tagħna li tgħid li hi s-sid tan-nofs indiviż l-ieħor li kien jappartjeni lil Paul Caruana, ir-rikorrenti ma tistax tgħid li hi għandha xi possediment fuq dak in-nofs, b'dana għalhekk li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistax jiġi mqanqal għal dan in-nofs li mhux tagħha;*

19. *Illi naturalment jekk tirbaħ fil-proċeduri Olena Volodymyrivna Caruana Verbystka vs. Catherine Imperia Caruana (Rik. Nru. 1064/2016 LM), ħadd ma hu ħa jippreġudikalha l-jedd tagħha fuq nofs is-sehem l-ieħor. Jekk l-appartament jilħaq jinbiegħ, hija jkollha l-jedd li tiġbor mingħand Catherine Imperia Caruana l-valur ta' dak in-nofs li jkun inbiegħ;*

20. *Illi r-rikorrenti lanqas m'għandha raġun tilmenta li hi qegħda tiġi mfixkla fl-użu tal-appartament. Dan għaliex ma jirriżultax li llum ir-rikorrenti għandha l-jedd bil-liġi li tgħix ġol-appartament mertu ta' din il-kawża. Kemm hu hekk,*

*b'sentenza tal-Qorti tal-Familja mogħtija fil-5 ta' Frar, 2013, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2016), hi ġiet meqjusa responsabbli li farrket iż-żwieġ tagħha u għalhekk il-Qrati imponew fuqha s-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 48(1)(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom it-telf tal-jedd li tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali skont l-artikolu 633 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

21. *Illi barra minn dan, il-fatt waħdu li hija sidt ta' nofs indiviż tal-appartament ma jagħtihiex il-jedd awtomatiku li tgħix fl-appartament bl-esklużjoni tas-sid tan-nofs l-ieħor. Dan għaliex skont l-artikolu 491(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, komproprjetarju ma jistax jinqeda bil-ħaġa komuni kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom;*

22. *Illi l-argument li hi m'għandhiex post ieħor fejn togħqod ma huwa ta' ebda wens għaliha, mhux biss għaliex anke l-komproprjetarju l-ieħor għandu l-jedd li jgawdi minn ħwejġu, iżda anke għaliex kienet hi stess li bl-għemil abbużiv tagħha lejn żewġha ġiet li tilfet il-jedd li tgħix f'dan l-appartament;*

    *B'żieda ma' dan, kif tajjeb irrimarkaw is-sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna, hi kapaċi taħdem. Għalhekk jekk hi m'għandhiex flus biex toqgħod x'imkien ieħor, kulma għandha tagħmel huwa li bħan-nies l-oħra tad-dinja tmur taħdem u taqla' l-flus u b'hekk ikollha biex tikri jew tixtri dar oħra. Għażla oħra li għandha f'idejha r-rikorrenti hu li tbiegħ sehma mill-appartament u mir-rikavat tkun tista' tfittex band'oħra fejn toqgħod;*

23. *Illi fl-aħħarnett l-ilment tar-rikorrenti kontra s-sentenzi tal-qrati li ordnaw il-bejgħ tal-appartament u l-ilment kontra l-ordni tal-mandat ta' żgumbrament huma manifestament mingħajr bażi. Ir-rikorrenti ma tistax targumenta li dawn id-deċiżjonijiet huma sproporzjonati meta wieħed iqis li dawn ittieħdu f'qafas ta' proċeduri ġudizzjarji fejn ir-rikorrenti ngħatat id-dritt li tressaq il-provi kollha li xtaqet u li tressaq is-sottomissjonijiet kollha li dehrulha xierqa.*

    *Għaldaqstant r-rikorrenti ma tistax tilmenta b'suċċess li ġie mkasbar lilha l-jedd tat-tgawdija ta' ħwejjiġha, taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

24. *Illi bla ħsara għal dak kollu li ngħad hawn fuq, safejn ir-rikorrenti tilmenta minn ksur tal-artikolu 34(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dan l-ilment ma jinsabx imfisser. Barra minn hekk ma jirriżultax li l-Istat Malti qed jonqos mid-dmirijiet tiegħu taħt il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea fejn għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni soċjali;*

25. *Illi f'kull każ ir-rikorrenti trid tipprova li hija tabilħaqq m'għandhiex post fejn toqgħod u li talba tagħha għall-akkomodazzjoni soċjali ġiet miċħuda;*

26. *Illi l-esponent jagħlaq billi jtenni li la m'hemmx ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali allura l-ebda rimedju m'għandu jingħata lir-rikorrenti. Imma anke kieku stess, fiż-żgur it-talba tar-rikorrenti biex l-appartament inkwistjoni ma jinbiegħx ma tistax issib f'postha f'din il-kawża minħabba li mhuwiex l-irwol tal-qrati b'setgħat kostituzzjonali li jistabbilixxu kwistjonijiet marbuta ma' jeddijiet reali fuq proprjetà. Dan għaliex il-jedd ta' abitazzjoni ma jistax jinħoloq b'azzjoni kostituzzjonali;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joggħobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha u peress li fil-fehma umli tal-esponent l-ilmenti mqanqla mir-rikorrenti huma ta' natura sempliċement frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex tapplika dak li hemm imniżżel fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(5) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2019 fejn ordnat *ex officio* s-sejħa fil-kawża ta' Catherine Imperia Caruana.

Rat ir-Risposta tal-imsejħa fil-kawża **Catherine Imperia Caruana** ppreżentata fl-20 ta' Marzu, 2019, fejn ġie rilevat:

1. *Illi l-esponenti qeghda tippreżenta dina r-risposta però mhix notifikata bl-atti tal-kawża u lanqas bir-rikors u qegħda tintavola dina ir-risposta b'rispett lejn dina l-Onorabbli Qorti u sabiex tottempra ruħha mad-digriet mogħti nhar it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena kurrenti.*

2. *Illi bir-rispett kollu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti m'huma xejn hlief sabiex jipprovaw jtawwlu proċeduri fejn il-Qorti anke diversament preseduta diġà pronunzjat ruħha dwar il-fatti relatati mal-każ diversi drabi u l-istess rikorrenti qegħda tikkondenti li hija għandha drittijiet però qegħda tinsa drittijiet kostituzzjonali huma ta' kullħadd u mhux tagħha biss;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ma kienu xejn ħlief tentattiv ieħor sabiex ittawwal il-proċeduri sabiex taħli l-ħin tal-Onorabbli Qorti u sad-dan it-*

*tant kien mingħalija li hija tibqa' tgħix ġo proprjetà li m'għandiex dritt li tgħix aktar fiha minħabba l-pronunzjament tal-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta li ġiet ikkonfermata fil-Qorti Tal-Appell.*

4. *Illi fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Paul Caruana vs Olena Caruana*** *[Rik. Ġur. 150/10RGM] deċiża fil-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) [Dok A] il-Qorti fost provedimenti oħra qalet is-segwenti:-*

   *'…(4) ……tikkonċedi lill-konvenuta id-dritt li tkompli tabita fid-dar matrimonjali Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, sa żmien sena millum b'dan illi qed tipprojbixxi lil terzi persuni milli jirrisjedu f'dan il-fond. Ksur ta' din il-kondizzjoni iwassal għat-tmien prematur tad-dritt ta' abitazzjoni hawn konċess lill-konvenuta. Il-konvenuta qed tiġi ordnata illi mal-iskadenza tal-imsemmija sena tiżgombra mill-fond matrimonjali.'*

5. *Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet* ***Paul Caruana u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2016 stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża l-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż f'isem Catherine Imperia Caruana vs Olena Caruana Verbytska*** *[**Dok B**], il-Qorti fid-decide taghha qalet is-segwenti:-*

   *'Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-appell billi tiċħdu internament u tikkonferma s-sentenza appellata kompriż għall-kap tal-ispejjeż, l-ispejjeż kollha tal-appell huma a karigu tal-appellanti.*

   *It-termini impost mis-sentenza appellati jibdew ghaddejjin mil-lum.'*

   *Illi bir-rispett kollu dovut d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell għandha tiġi rispettata fl-intier tagħha u għalhekk gie intavolat dana l-mandat stante li r-rikorrenti ma żgombratx u għaldaqstant qiegħda tinjora kompletament id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u mhux tali qegħda tipprova tuża l-Qorti sabiex ittawwal iż-żmien!*

6. *Illi rigward il-mard mentali tal-mejjet Paul Caruana dan kien fiż-żwieg u kif ser jiġi pprovat fil-kawża oħra dana l-mard ħareġ biss meta l-mejjet Caruana kien jgħix ma' martu minħabba l-moħqrija li kien għaddej minnha minn naħa ta' martu;*

7. *Illi huwa sorpriża li l-ewwel darba qiegħdin jsiru allegazzjoni dwar il-klijenta tiegħi u dwar il-fatt li hija kienet taf b'mard mentali ta' binha hija l-istess Olena Caruana Verbytska li kienet iġġieldet bil-qawwi meta Paul Caruana kien intavola proċeduri ta' annullament u infatti appellat u anke reġgħet irrikonċiljat mal-istess żewġha għaliex konvenjentement għaliha peress li hija ġiet hawn Malta sabiex takkwista iċ-ċittadinanza Maltija u meta wieħed jara l-fatturi kollha u ċ-*

*ċirkostanzi tal-każ faċilment jasal li jista' jkun li kien żwieġ ta' konvenjenza għas-sinjura Caruana Verbystska;*

8. *Illi naħseb li l-istess rikorrenti insiet li meta kien hemm il-proċeduri tas-separazzjoni żewġha kien għadu ħaj u l-Qorti u kien fl-istadju tal-appell li żewġha miet u għaldaqstant f'ebda ħin il-Qorti semgħet jew straħet fuq ix-xhieda tal-esponenti;*

9. *Illi bir-rispett kollu kwalunkwe xhieda dwar provi foloz minn naħa tal-kjamata in kawza hija infondata u bla bażi legali u huwa attentat ieħor iddisprat sabiex hija tmur kontra kull ordni tal-Qorti u b'nuqqas ta' rispett lejn l-Kostituzzjoni ta' Malta, tipprova tuża l-Qrati Malti biex hija tkompli tuża proprjetà li mhux tagħha esklussivament;*

10. *Illi fil-fatt diġà hemm proċeduri kostituzzjonali pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta Rik Nru 97/17 MH fl-ismijiet **"Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska [ID 2006902P] vs Avukat Generali u għal kull interess li jista' jkollha Catherine Imperia Caruana [ID 750035M]**" liema kawża hija differita għas-smigħ għal nhar 29 ta' April tas-sena kurrenti.*

11. *Illi l-allegazzjonijiet li r-rikorrenti qegħda tiġi vjolata mid-drittijiet fondamentali tagħha jistgħu jiġi invokati wkoll mill-esponenti li daħlet fiż-żarbun tal-mejjet bħala werrieta tiegħu, li ġaladarba l-Onorabbli Qorti diġà ħadet deċiżjoni li d-dar għandha tinbiegħ u r-rikavat għandu jinqasam bejn il-partijiet allura d-drittijiet tal-esponenti jiġu mittiefsa jekk hija tibqa' tgħix ġol-proprjetà li nofs indiviż tal-proprjetà mhux tagħha u dana jkun ta' detriment għall-esponenti;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fl-intier tagħhom stante li m'hemm l-ebda leżjoni Kostituzzjonali fil-konfront tar-rikorrenti Olena Caruana Verbystka, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li qabel kull ħaġa oħra għandha tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali fejn ġie eċċepiet illi billi bejn l-istess partijiet ġa hemm kawża kostituzzjonali oħra bin-numru ta' riferenza 97/2017MH, li hija fuq l-istess kwistjoni u b'talbiet li jixxiebħu, allura huwa

xieraq li bit-tħaddim tal-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti tagħżel illi tibgħat din il-kawża biex tinstema' mill-Imħallef li qed jisma' wkoll il-kawża bin-numru ta' riferenza 97/2017.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali.

**Ikkonsidrat:**

L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali hija dik tal-*lis alibi pendens* li hija bbażata fuq l-artikolu 792 tal-Kap. 12 li jgħid hekk:

> "Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħutha lil dik il-Qorti l-oħra".

Dan il-prinċipju tal-*litis pendentia* huwa rikonoxximent għall-massimu li għandu jiġi evitat li jkun hemm deċiżjonijiet konfliġġenti fuq l-istess dritt u *causa* bejn l-istess partijiet. Il-ġurista Taljan **Andrea Lugo**[1], Manuale di Diritto Processuale Civile, jgħid li tissusisti l-*litispendenza*:

[1] Manuale di Diritto Processuale Civile, Giuffrè Editore (1979 – is-seba' edizzjoni).

> *'quando l-identità totale o parziale degli elementi di più cause richiede o rende più opportune che le cause stesse siano decise dallo stesso giudice e, quando è possible, con lo stesso giudizio, al fine di evitare possibili discordanze di giudicati e repetizioni di attività processuale.'*

Sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* iridu jissussistu tliet rekwiżiti: (i) iż-żewġ kawżi jridu jkunu bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qegħdin jaġixxu fl-istess kwalità (*eadem personae*); (ii) iż-żewġ kawżi jrid ikollhom l-istess suġġett (*eadem res*); (iii) it-talbiet fiż-żewġ kawżi irid ikollhom l-istess *causa* (*idem ius* u *eadem causa pretendi*) u dawn iridu jirriżultaw *ictu oculi*.[2]

Dwar l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* intqal mill-Qrati tagħna illi:

> *"The plea is somewhat parallel with the plea of 'exceptio rei judicatae' . Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of 'litis pendentia' in the words of Section 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first Court. In fact, doctrine and caselaw in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence 'ex officio' if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein;*
>
> *The essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-matter and the cause of the demand."*[3]

Tqis illi s-suġġett (*res*) tal-kawża odjerna u s-suġġett tal-kawża Rikors Nru 97/2017 MH huwa essenzjalment l-istess u ċjoé l-bejgħ ordnat mill-Qorti tal-appartament Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara

[2] Ara **Angela sive Gina Balzan *vs.* Paul Argento u Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A., 01.02.1990 u **Marsaxlokk Sailing Club Co. Limited *vs.* J&H Co. Limited**, P.A., 30.06.2004.
[3] **Reznikov et *vs.* Kotivov**, P.A., 24.03.1994 Vol. LXXVIII p.3 p. 170.

bis-sentenzi mogħtija fil-5 ta' Frar, 2015 u fl-24 ta' Ġunju, 2016 fil-kawża ta' separazzjoni personali Rikors Maħluf Nru 150/2010.

Tqis ukoll illi l-persuni involuti (*personae*) huma identiċi fiż-żewġ kawżi.

Tqis ukoll illi r-raġunijiet li huma bbażati fuqhom iż-żewġ kawżi u t-talbiet kif saru mir-rikorrenti (*idem ius* u *eadem causa pretendi*) huma essenzjalment l-istess, u ċjoé li jiġi ddikjarat li bil-bejgħ ordnat mill-Qorti tal-appartament Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara bis-sentenzi mogħtija fil-5 ta' Frar, 2015 u fl-24 ta' Ġunju, 2016 fil-kawża ta' separazzjoni Rikors Maħluf Nru 150/2010, u bil-mandat ta' żgumbrament maħruġ kontra r-rikorrenti, ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tagħha u qed jintalab ukoll li tiġi ripristinata s-sitwazzjoni għal kif kienet qabel l-allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Fil-kawża odjerna, b'differenza mill-kawża Rikors Nru 97/2017 MH, ir-rikorrenti qiegħda tinvoka wkoll il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħha *ai termini* tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minbarra l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħha taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Madankollu r-rikorrenti fi kwalunkwe każ ma setgħetx f'kawża bħalma hija din imressqa b'rikors quddiem il-Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) *ai termini* tar-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, tagħmel talbiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u filwaqt li tordna li dina l-kawża għandha tinstema' mill-Qorti li quddiemha kienet qiegħda tinstema' l-kawża Rikors 97/2017 MH, qiegħda tirrimetti l-atti ta' din il-kawża quddiem l-Onorabbli Qorti li quddiemha kienet qiegħda tinstema' l-kawża Rikors 97/2017 MH.**

Moqrija.